MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1425/2004

**Miller Distributors Ltd (C344)**

**vs**

**Jason Briffa f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem New Desert Rose**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u erbatax-il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm1214.82) rapprezentanti prezz dovut mill-konvenut ghal diversi "magazines" u gazzetti mibjugha u debitament ikkonsenjati lilu mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tieghu stess.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru, 2003 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u erbatax-il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm1214.82) bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------